MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 323/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Pierre Micallef Grimaud)**
**Vs**
**Jefrin Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat detentur tal-karta tal-identita` numru 523376(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Gunju, 2009 ghall-habta tan-00.20 a.m. fil-Belt Valletta

1. volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;
2. qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen;
3. bi kliem insulenta jew hedded lil Luaie Borg;
4. hebb ghal Luaeie Borg sabiex jingurjah, dejqu jew ghamillu hsara;

5. xehed oggett iebes fid-direzzjoni ta’ Luaie Borg u cioe` tazza u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. M. Schembri MD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Gunju, 2011, li biha ddikjarat procediment esawrit.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta’ Lulju, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u fic-cirkostanzi tal-kaz tirrimetti lura l-atti processwali quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jergghu jinbdew jinstemghu l-proceduri kontra l-appellat jew alternattivament talab lil din il-Qorti joghgobha tipprocedi billi tisma` l-provi relevanti ghal kaz odjern u sussegwentement tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti, permezz tas-sentenza tagħha hawn fuq riferita, inter alia, għamlet enunċazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi li wasslet għas-sentenza kif mogħtija.

Il-prosekutur lanqas kellu biss ċans jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi relevanti. L-akkużi lanqas biss inqraw u l-istess appellat ma kellux ċans jgħid hux ħati jew le tar-reat dedott kontrih.

Fiċ-ċitazzjoni hemm numru ta’ akkużi li l-Pulizija Esekuttiva kellha kull jedd li tipproċedi ex ufficio ai termini tal-artikoli 373 u 543 tal-Kap 9 u dana irrispettivament ta’ jekk hemmx bżonn tal-kwerela tal-parte civile kif ukoll jekk il-parti offiża tiddeċiedi li tirrinunzja għall-imsemmija kwerela.

Għalkemm ir-reat ai termini tal-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali huwa prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiża ġaladarba dan seħħ f'post pubbliku u kien akkumpanjat minn reati oħra kontra l-ordni pubbliku, il-pulizija xorta setgħet timxi ex ufficio u dan skont dak li jipprovdu l-artikoli 373 u 543 tal-Kap 9.

Mill-atti jirriżulta li qatt ma ntalab li tkun irtirata xi kwerela. U tali talba tista' ssir ai termini tal-artikolu 545(1) li jagħmel din il-kondizzjoni:

'545(1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata...'

L-appellat kien akkużat mhux biss b'reati kontra l-persuna iżda wkoll b'reati kontra l-ordni pubbliku.

Il-Prosekuzzjoni kellha aktar xhieda xi tressaq kieku l-Qorti tat opportunita' lill-Prosekuzzjoni biex tmexxi l-każ tagħha. Li in vista tal-akkużi addebitai kontra l-appellat, dan mhuwiex każ fejn il-prosekuzzjoni tista' ssir biss fuq talba tal-parti privata u għaldaqstant il-vittma ma seta' qatt jirtira l-kwerela tiegħu.

Għaldaqstant l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta iddikjarat il-proċediment eżawrit minħabba n-nuqqas ta' xhieda u dana wara li l-parti leża kif ukoll l-appellat ħafru lil xulxin. Il-Prosekuzzjoni kellha wkoll xhieda oħra x'jinstemgħu u mhux lill-parti leża biss.

Rat l-affidavit ta' PS 1218 R Vella (a fol 4 u 6 fejn fost affarijiet oħra jintqal li l-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa[1]), il-lista' ta' xhieda indikata fiċ-ċitazzjoni, u l-verbal a fol 11 li fih jidhru s-segwenti kliem:

'Deher Dr Jose Herrera għal **Jefrin** Grech li iddikjara li **Jefrin Grech** jinsab bħala imputat fil-kawża numru 12.

Il-Qorti tordna li jinstemgħu kontestwalment.

---

[1] Ebda ċertifikat ma jidher fl-atti.

**L-imputati** jiddikjaraw li mhux ser jixhdu u li qed jaħfru lil xulxin. (L-imputat f'din il-kawża huwa Jefrin Grech. Il-verbal a fol 11 huwa fotokopja ta' dak li hemm a fol 8 fl-appell numru 322/11 fil-ismijiet 'Il-Pulizija v Luaie Borg'. Propjament, l-okkju f'dan il-verbal kellu jkun 'Il-Pulizija v Jeffrin Grech' u mhux kontra Luaie Borg).
Kawża deċiża. Obbligazzjoni in atti.'

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett miċ-ċitazzjoni kontra l-appellat Jefrin Grech jirriżulta li l-ewwel erba' imputazzjonijiet huma kontravenzjonijiet li jaqgħu taħt l-artikoli 338(dd) 338(bb) , 339(d) u 339(e) tal-Kap 9. Ir-raba' imputazzjoni hija dwar dak li seħħ fil-konfront ta' **Luaie Borg.**

**Il-ħames imputazzjoni hija dwar dak li ġara lil Luaie Borg u hija dwar feriti kkaġunati mill-appellat Jefrin Grech lil Luaie Borg.**

L-aħħar imputazzjoni (skont l-affidavit ta' PS 1218 R.Vella, il-ġrieħi kienu ħfief), [2]tinħtieġ il-kwerela ai termini tal-artikolu 221(4) sakemm il-każ ma jkunx jaqa' taħt l-artikoli 222(1)(a)(b). L-ewwel erba' imputazzjonijiet ma jinħtieġu ebda kwerela.

Miċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-allegat inċident seħħ fit-8 ta' Ġunju, 2009. Il-każ instema' fil-21 ta' Ġunju 2009.

Skont l-artikolu 373 tal-Kap 9 :

'373. Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż:

---

[2] Ukoll Luiae Borg kellu ġrieħi ħfief – dejjem skont l-affidavit ta' PS 1218 R Vella – Ara fol 8 – ħamest ivrus minn tmiem l-affidavit.

Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l -azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.'

Fil-proviso ta' dan l-artikolu hemm żewġ kondizzjonijiet:

(a) Jekk tkun tinħtieġ il-kwerela tal-offiż, jekk ikun hemm jew vjolenza pubblika jew ikun hemm xi reat li jmiss l-ordni pubbliku, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni.
Fil-każ in eżami, kull waħda mill-imputazzjonijiet taqa' taħt l-artikolu 370 tal-Kap 9. Huwa għall-ħames imputazzjoni biss li tinħtieġ il-kwerela. Biss din il-ħames imputazzjoni hija akkumpanjata b'imputazzjonijiet oħrajn li jolqtu l-ordni pubbliku. Isegwi li l-Pulizija setgħu imexxu ex-ufficio.

(b) Li kieku l-Pulizija ma setgħux jimxu skont l-ewwel kondizzjoni, żgur setgħu jimxu taħt it-tieni kundizzjoni għaliex min għamel il-kwerela kellu biss erbat ijiem żmien sabiex jitlob li titneħħa din il-kwerela. Bejn it-8 ta' Ġunju 2009 (meta seħħ l-allegat reat) u l-verbal li sar fil-21 ta' Ġunju 2011, żgur li għaddew aktar minn erbat ijiem. Għaldaqstant il-Pulizija setgħu imexxu ex-ufficio taħt din il-kondizzjoni wkoll.

Għalhekk l-ewwel Onorabbli għamlet enunċjazzjoni ħażina tal-Liġi ai termini tal-artikolu 413(1)(iv)(iv) għaliex il-Qorti ma setgħetx taqta' u tiddeċiedi li l-proċediment kien eżawrit .[3]

Għar-raġunijiet kollha mogħtija aktar 'il fuq, il-Qorti (a) qed tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ġunju 2011 u (b) qed tiddiferixxi l-kawża għal data oħra biex

[3] Ara wkoll: Il-Pulizija vs Carmelo Scicluna 31 ta' Mejju 1948

tisma’ l-provi kollha li hemm hija stess u imbagħad tgħaddi għal sentenza aħħarija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------